**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

---

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUMITAT**

**LAQGĦA NUMRU 14 – IT-TLIETA, 18 TA' OTTUBRU 2011 FIS-6.30PM**

Il-Kumitat iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | Chairman |
| Janet Barthet | Membru |
| Alfred Mangion | Membru |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużat

| | |
|---|---|
| Robert Vella Bonnici | Membru |

**1 Approvazzjoni Minuti Numru 13**

1.1 Ma ġewx approvati dawn il-minuti peress li ma ġewx provduti mis-Segretarju Eżekuttiv preċedenti. Dawn il-minuti għandhom jigu mitluba lis-Segretarju preċedenti.

**2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairman***

2.1 Iċ-*Chairman* esprima ruħu li ma kienx kuntent bis-sitwazzjoni fit-tliet xhur preċedenti fejn ma kienx hemm Segretarju Eżekuttiv u anke li kien hemm xahar li ma saritx laqgħa. Kien hemm qbil unanimu.

2.2 Saret diskussjoni rigward ir-riżenja tas-Sur Peter Calleja wara li nstab li kien ħati ta' korruzzjoni. Il-membri preżenti esprimew ruħhom li kienu diżillużi u diżappuntati.

2.3 Il-membri preżenti taw merħba lis-Segretarju Eżekuttiv il-ġdid, is-Sur Kurt Guillaumier u rringrazzjaw lis-Segretarju preċedenti s-Sur Adrian Mifsud.

**3 *Tenders* u Kwotazzjonijiet**

3.1 Ġie deċiż li t-*tender* tas-*street cleaning* fil-Kappara terġa' tinħareġ, kif ġie indikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali minħabba n-nuqqas tal-ħarsien tal-proċeduri

3.2 Rigward *Tender* SGNLC/T/03/11, ġie deċiż li tintalab il-*Health and Safety Report*, skont il-parir tal-Perit.

3.3 Għandha tinħareġ mill-ġdid it-*tender* tax-Xogħlijiet fil-Ġnien G M Camilleri minħabba li ma kienx hemm offerti għaliha. Għandha tiġi nfurmata Ms Isabelle Camilleri minħabba l-skema ta' fondi li kienet ġiet applikata għal dan il-proġett.

## 4 Ħatra ta' Segretarju Eżekuttiv

4.1 Il-membri preżenti esprimew ruħhom li huma ma kinux kontra l-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv imma riedu li membru tal-KAK ikun parti mill-Bord tal-Għażla.

## 5 Il-Huġġieġa

5.1 Il-membri preżenti esprimew ruħhom li huma ma kinux kuntenti bil-kontenut tal-Ħuġġieġa u jinsistu li rappreżentant tal-KAK għandu jkun fuq il-Bord Editorjali.

## 6 Xogħljiet fil-Kappara

6.1 Kien hemm qbil li l-Kumitat Amministrattiv Kappara għandu jagħmel lista ta' xogħlijiet pendenti biex dan jiġi diskuss fil-laqgħa tal-Kunsill ta' San Ġwann.

## 7 Servizz Trasport Pubbliku fil-Kappara

7.1 Il-membri huma sodisfatti li wara numru ta' interventi mat-*Transport Malta*, u insistenza, ġew introdotti tliet *bus stops* f'Triq tas-Sliema, biex ir-residenti jkunu ħafna aktar moqdijin fuq rotta 24.

## 8 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-9.00pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 8 ta' Novembru fis-6.00pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Dr Frank Bartolo**
**Chairman**